MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2014

Numru. 50/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Gordon Schembri**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Gordon Schembri ta' 22 sena, bin Edwin u Nathalina nee` Galea, imwieled Pieta` fis-7 ta' April 1986 u residenti Flat 2, Enrico Mizzi Street, Gzira, detentur tal-karta tal-identita` numru 207386(M):

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-8 ta' Novembru 2004:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (Benzodiazepines) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolamenti 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985, kif emendat.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat talli:

2. Kiser kundizzjonijiet ta' sentenza ta' tlett snin *Probation* moghtija mill-Magistrat Dr. J. Cassar u datata 22 ta' Ottubru 2013, fit-terminu operattiv taghha, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

3. Huwa recidiv b'sentenza datata 8 ta' Novembru 2004 moghtija mill-Magistrat Dr. G. Grixti LL.D. fejn l-imputat kien gie kkundannat ghaxart ijiem habs effettiv.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha fil-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2014, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kienet qeghda tirtira t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u ccarat illi l-addebitu tar-recidiva jirreferi ghall-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi fl-istess seduta tal-11 ta' Lulju 2014, l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 u mill-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset min-naha l-wahda l-fedina penali tal-imputat, aggornata sa Jannar tas-sena 2008, liema fedina penali kienet tikkonsisti f'sejbien ta' htija dwar *inter alia* serq aggravat (f'zewg okkazzjonijiet), hsara volontarja, feriti ta' natura hafifa, ingurji u theddid, sewqan traskurat u perikoluz, hsara involontarja u frodi b'eghmil qarrieqi.

Qieset min-naha l-ohra illi l-imputat gie akkuzat bl-ewwel imputazzjoni wara li kien iddahhal gewwa l-isptar b'sintomi ta' *overdose* u dan wara li huwa kien ha numru ta' pilloli. Skond ir-relazzjoni tal-espert Dr. Mario Scerri[1], mir-rizultati tossikologici, jirrizulta li l-imputat kellu livell ta' *benzodiazepines* ossia medicinali ristretti, li jirrikjedu r-ricetta tat-tabib.[2]

Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tad-difiza dwar is-sahha mentali tal-imputat u li ghandu bzonn l-ghajnuna. Biss qieset ukoll illi skond l-istess difiza, l-imputat fil-prezent diga` qed jigi segwit minn Ufficjal tal-*Probation*, liema Ordna testendi sa sentejn ohra.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) (fiz-zmien tar-reat odjern l-Artikoli 35B, 89A(1)(a) u 89A(2)(b)(ii) rispettivament) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsima B tat-Tielet Skeda tal-istess Kapitolu 31, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985 u l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mil-lum.

Stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

[1] A fol. 13 *et seq* tal-process verbal, li jinsab esebit a fol. 23 tal-process.
[2] A fol. 22 tal-process verbal.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Il-Qorti mhijiex qeghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi tali esperti kienu gew nominati fl-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz u r-reat in kwistjoni sehh qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu billi fost ohrajn gew inkluzi wkoll l-ispejjez konnessi mal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-medicina ristretta misjuba fil-kamra tal-hati, liema medicina tifforma parti mill-process verbal esebit a fol. 23 tal-process, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------